

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 1 - Kif tikseb parir legali

1 - Kif tikseb parir legali

Kif issib avukat

Jekk qiegħed miżmum taħt arrest u teħtieġ avukat, il-Gardaí jkollhom lista ta' avukati li jkunu lesti li jiltaqgħu miegħek b'urġenza biex jagħtuk parir. Il-lista tagħhom tkun tikkonsisti f'persuni magħrufa li jistgħu jmorru fl-Istazzjonijiet tal-Garda 24 siegħa fuq 24 siegħa.

Jekk m'intix taħt arrest imma teħtieġ parir minn avukat li jipprattika fil-qasam kriminali, tista' tikkuntattja lil-[Law Society of Ireland](#). Li tipprovdik b'ismijiet ta' avukati li jieħdu kawżi kriminali. Ma jistgħux jirrakkomandaw xi uffiċċju legali partikolari.

Mod aħjar ta' kif issib avukat huwa bil-fomm, fil-każ li taf persuni li fil-passat kienu f'sitwazzjoni simili għal tiegħek. Alternattivament tista' tftitex fuq l-internet, peress li issa ħafna uffiċċji legali għandhom il-websajt tagħhom li telenka l-qasam ta' xogħol li jispeċjalizzaw fih.

Kif tħallas għal avukat

Fl-Irlanda hemm sistema ta' għajjnuna legali li f'ċerti ċirkostanzi tista' tipprovidi s-servizzi ta' avukat bla ħlas lil persuna li tkun suspettata jew mixlija b'reat.

Jekk qiegħed tinżamm f'Garda Station biex tiġi interrogat dwar reat, u tkun ma taħdimx jew taqla' paga baxxa probabbilment tkun intitolat għas-servizzi ta' avukat bla ħlas, skont [l-Iskema ta' Pariri Legali tal-Garda Station](#). Jeħtieġ li tiffirma formola għall-avukat tiegħek li tinkludi dikjarazzjoni li l-paga tiegħek hija inqas mil-limitu permess ta' EUR 20,316.00 jew li qed tirċievi ħlasijiet tal-għajjnuna soċjali. M'hemmx iktar karti u formoli x'jimtlew.

Jekk ġejt mixli b'reat inti intitolat li tapplika għall-għajjnuna legali quddiem l-imħallef fil-qorti li tinġieb quddiemha. Dan jissejjaħ [Ċertifikat għal Għajjnuna Legali bla ħlas](#). L-avukat tiegħek jgħinek biex tippreżenta l-applikazzjoni fil-qorti. Jekk m'għandekx avukat, spiss l-imħallef joffrilek l-għajjnuna legali u jagħżillek avukat. Jekk int mixli b'reat serju u tkun ma taħdimx, huwa probabbli li tingħata l-għajjnuna legali. Jekk għandek impjeg, jista' jkun meħtieġ li timla formola fejn tiddikjara d-dħul u l-ħruġ tiegħek.

Links relatati

[Għajjnuna Legali fil-Qasam Kriminali](https://www.legalaidboard.ie)<https://www.legalaidboard.ie>

[Law Society tal-Irlanda](https://www.lawsociety.ie)<https://www.lawsociety.ie>

■ L-aħħar aġġornament: 06/08/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.